**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DECIZJONI NRU. 488**

**Kaz Nru. 734**

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Lucienne Xuereb

u

Eden Leisure Group, u kif korrett b'degriet tas-26 ta' Frar, 1993 Eden Hotels Limited kif rapprezentata minn Ian Decesare u Maurice A. Decesare.

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data: 2 ta' April, 1993

**Chairman: Dr. Joseph P. Bonnici LL.D.**

**Preliminari**

Din il-Kwistjoni tax-Xoghol giet riferita lit-Tribunal ghat-tenur tal-Artikolu 28(2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta dwar Relazzjonijiet Industrijali permezz ta' ittra tal-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani datata 7 ta' Dicembru, 1992.

L-Appellanti kienet assistita minn John B. Mansueto, fil-waqt li ghas-Socjeta' intimata, deher fl-ewwel seduta Richard A. Matrenza.

**Stqarrijiet**

Fl-istqarrija taghha, l-appellanti allegat li tkecciet mis-Socjeta' intimata ghal raguni ngusta, u cioe' allegazzjoni ta' serq, li pero', baqghet ma' gietx ipprovata tant li anke de parte tal-pulizija ezekuttiva, mhux talli ma' ttiehdux passi kriminali,

.../2

izda giet dikjarata 'nolle prosequi'.

Illi s-Socjeta' intimata ma' pprezentat l-ebda 'statement of case' taghha ghax kif gie rilevat, mill-Konsulent Industrijali Richard A. Matrenza proprio fl-ewwel seduta, u wara ittra datata 19 ta' Jannar, 1993 ma' kien hemm l-ebda relazzjoni bejn l-appellanti u Eden Leisure Group.

Degriet

Illi b'degriet tat-Tribunal datat 26 ta' Frar, 1993 it-Tribunal ordna l-korrezzjoni fis-sens li l-isem jigi korrett ghal-Eden Hotels Limited kif rapprezentata minn Ian Decesare u Maurice A. Decesare, ordna mill-gdid in-notifika tas-solita' ittra u impona terminu ta' ghaxart (10) ijiem min notifika ta' l-istess ittra sabiex tigi pprezentata l-'istatement of case' taghha.

Provi

Illi s-Socjeta' intimata regghet naqset ghal darb'ohra li tipprezenta l-'Istatement of case' taghha fit-terminu lilha prefiss giet pero' mibghuta ittra ohra, tramite l-istess konsulent Legali, datata 11 ta' Marzu, 1993. Dana mhux il-metodu legali kif parti tikkomunika u tipparticipa mat-Tribunal, stante li l-materja hija sub-judice u kien hemm ordni specifiku biex tigi pprezentata difiza fi zmien preskritt. Inoltre, la is-Socjeta' intimata u wisq anqas il-konsulent taghha ma' ndenjaw ruhhom li almenu jkunu prezenti. Mhux il-kompitu tat-Tribunal li jindahal fil-mod kif parti tipprezenta u/jew tiddefendi l-kaz taghha. Pero' kull parti ghandha tirrispondi ghal ghemil taghha. Is-Socjeta' intimata ghazlet li tinjora sia l-ordni tat-Tribunal, u wisq aktar li tikkumbatti l-allegazzjonijiet ta' l-appellanti bil-mod preskritt mill-ligi. Il-procedura quddiem dan it-Tribunal hija wahda flessibbli fit-termini tal-ligi stess, pero' fil-kaz in-ezami, it-Tribunal ma' jistax ma jipproklamax ruhu, fuq il-

kontumacja tas-Socjeta' intimata. Fin-nuqqas ta' oppozizzjoni de parti tas-Socjeta' intimata, it-Tribunal ma' jibqghalu l-ebda triq hlief li jakkolji t-talbiet ta' l-appellanti.

**Likwidazzjoni kumpens xieraq**

Illi x-xhieda ta' l-appellanti u d-dokumenti prodotti minnha ma' gew bl-ebda mod u manjiera kontradetti u ghalhekk ghandhom jittiehdu bhala veritieri. Hija talbet kumpens, stante li sabet impjieg alternattiv wara erba' (4) xhur li tkecciet. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, it-Tribunal jiffissa u jillikwida l-kumpens dovut fis-somma ta' sitt mitt lira Maltija (Lm600). Mnux kompetenza ta' dan it-Tribunal li jidhol f'xi dovut iehor.

**Decizjoni**

In vista tal-premess, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li t-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-appellanti de parti tas-Socjeta' Eden Hotels Limited tikkostitwixxi tkeccija ngusta, u tikkundanna thallas lill-appellanti is-somma ta' sitt mitt lira Maltija (Lm600) bhala kumpens u dana fi zmien xahar mill lum.

Ghal fini tar-Regolament ta' l-1986 dwar drittijiet li jithallsu quddiem dan it-Tribunal maghmula taht il-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal qed jintaxxa d-dritt fl-ammont ta' LM28 (tmienja u ghoxrin).

B'hekk, din il-Kwistjoni tax-Xoghol giet definittivament terminata.

Joseph Bonnici
CHAIRMAN

Aldo Testone
SEGRETARJU

mrg